# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' nhar il-Erbgha 9 ta' Dicembru 2020

**Rikors Numru : 264/2020 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**NA**

**Vs**

**KC**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' NA datat 17 ta' Awwissu 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi r-rikorrenti izzewget lill-intimat fis-sittax (16) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbatax (2014) – certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A.*

*Illi l-partijiet ghandhom tifla li jisimha NC li twieldet f'X.*

*Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Patricia Vella Haber tal-hmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016), kopja awtentika tal-istess qieghda tigi hawn anness u mmarkata Dok B.*

*Illi ghaddew aktar minn erba (4) snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom jghixu hajja separta minn xulxin, u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.*

*Illi l-esponenti tiddikjara wkoll li l-manteniment dovut ghall-bint minuri NC kif miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom huwa mhallas.*

*Illi ghaldaqstant l-esponenti tissodisfa r-rekwiziti kollha stabbiliti mil-ligi biex jinghata d-divorzju.*

*Illi hija tixtieq tiddivorzja u li z-zwieg taghha jigi mahlul.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgboha tawtorizza u tippronunzja d-divorzju ta' bejn NA u KC u tiddikjara z-zwieg taghhom mahlul ai termini tal-Artikoli 66A et seq tal-Kodici Civili u kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat deher mhux assistit fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2020, u l-Qorti spjegatlu d-drittijiet legali tieghu izda hu rrisponda li ma jehtiegx avukat u li ma jopponix ghad-divorzju (vide fol 13);

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**KC** xehed (vide fol 13) illi huwa iżżewweġ lill-martu fis-16 ta' Awwissu 2014 u li minn din ir-relazzjoni kellhom tifla imwielda fis-sena 2002. Illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali fil-15 ta' Settembru 2016. Illi minn dik in-nhar tad-data tal-kuntratt ta' separazzjoni personali sa' llum ma kienx hemm rikonċiljazzjoni bejnu u bejn martu, u lanqas hemm ċans li din ir-rikonċiljazzjoni isseħħ. Xehed ukoll li pendenzi ta' manteniment ma' hemmx.

**NA** xedhet (vide fol 15), fejn ikkonfermat u kkorroborat max-xhieda ta' KC.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-16 ta' Settembru 2014

(Vide dok A, fol 3) u minn din ir-relazzjoni huma kellhom tifla unika.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Vella Haber, datat 15 ta' Settembru 2016 (vide Dok. B fol 4 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**